# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Awissu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Christian Demanuele**

**Kumpilazzjoni Nru: 479/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christian Demanuele ta' 39 sena, bin il-mejjet Carmel u Carmen xebba Camilleri, mwieled 18 ta' Dicembru, 1975 u residenti gewwa Blk C5, Flt 8, Triq il-Qawra, Triq Gdida f'San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 66176M

Akkuzat talli f'Marzu, 2015 u fil-gimghat u x-xhur ta' wara f'dawn il-gzejjer;

1. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuni, u cioe' lil membri tal-Gudikatura tal-Qrati ta' Malta, Ufficjal tal-Ufficju tal-Avukat Generali, u Spettur tal-Pulizija, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocent.

2. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra, bil-hsieb li b’hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta’ reat.

3. Sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika u cioe’ f’ittra mibguta lill-Eccellenza Taghha l-President ta’ Malta, xjentement ghamel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz jew ta taghrif falz.

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd, u cioe’ tal-persuni fuq imsemmija weggaghhom bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor.

5. Ingurja jew hedded imhallef jew l-Avukat Generali, jew magistrat, jew gurat, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu.

6. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsien li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommmarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrivolvi dwar talba maghmula mill-imputat lill-President ta’ Malta biex tezercita s-setgha lilha mghotija permezz ta’l-artikolu 574(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u takkordalu l-helsien mill-arrest.

Illi l-imputat kien mizmum taht arrest preventiv fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin wara li ngieb Malta mir-Republika Ceka permezz ta’ Mandat ta’

Arrest Ewropew[1]; il-mandat kien inhareg biex jinbdew proceduri penali kontra tieghu dwar allegat kaz ta' frodi a dannu ta' martu (li minnha kien qed jissepara) u a dannu ta' terzi. Peress li fil-kors ta' dawk il-proceduri huwa kien ghamel diversi talbiet lill-Qorti biex jinghata l-helsien mill-arrest li ma gewx milqugha, l-imputat ipprevalixxa ruhu mid-dispozizzjoni tal-Ligi imsemmija u ghamel talba tieghu ghall-ghoti talhelsien mill-arrest lill-President ta' Malta. Din it-talba l-imputat ghamilha permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2015. Il-proceduri odjerni huma kollha bazati fuq l-allegazzjonijiet li ghamel l-imputat fit-talba lill-President ta' Malta, allegazzjonijiet li kienu jikkoncernaw lill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, lid-Deputat Avukat Generali (illum Magistrat) Dr Donatella Frendo Dimech[2] u lill-Ispettur Renee Stivala.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda bhala prova in sostenn ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat; b'l-eccezzjoni ta' tnejn[3], kull wiehed minn dawn ix-xhieda ddepona fit-tul u sarlu kontro ezami ferm itwal. Anke l-imputat iddepona fit-tul, hekk kif ghamlu uhud mix-xhieda prodotti in difeza. Fil-fehma tal-Qorti ikun ezercizzju inutli li f'din is-sentenza tirriproduci anke in sintesi id-depozizzjoni kollha ta' kull wiehed mix-xhieda. Hija fil-fatt ser tirreferi biss ghall-punti saljenti mid-depozizzjoni ta'l-aktar xhieda importanti[4].

Illi mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Renee Stivala[5] jirrizulta li fis-sena 2013 Denise Demanuele, mart l-imputat, kienet irrappurtat lill-pulizija li zewgha kien iffalsifika l-firma taghha fuq dokument (garanzija bankarja) tal-Bank of Valletta. Huwa kien investiga din l-allegazzjoni u gie infurmat mill-istess Denise Demanuele li zewgha kien jinstab barra minn Malta. L-ispettur Stivala inutilment prova jaghmel kuntatt telefoniku mieghu permezz tan-numru tal-*mobile phone*[6]. L-ispettur kien tal-fehma li kellu bizzejjed provi f'idejh biex jintavola proceduri fil-konfront ta'l-imputat ghalhekk huwa talab il-hrug ta' EAW. Huwa jispjega li f'Ottubru 2013 kien ottjena l-hrug

---

[1] Aktar 'l isfel indikat bhala EAW.
[2] Meta tat d-depozizzjoni taghha Dr Frendo Dimech kienet ghada tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-involviment taghha f'dan il-kaz jirrigwardaha f'din il-kariga li kienet tokkupa ta' Deputat Avukat Generali, a skans a' ekwivoci u sa biex ma jkun hemm l-ebda dubbju f'liema rwol qed isir referenza ghaliha f'din il-kawza l-Qorti ser tibaqa tirreferi ghaliha f'din is-sentenza bhala d-Deputat Avukat Generali.
[3] Dr Audrey Buttigieg Vella u PS 959 Winston Micallef.
[4] Naturalment il-Qorti hadet in konsiderazzjoni u qiset d-depozizzjonijiet kollha u f'l-intier taghhom biex waslet ghad-decizzjoni taghha.
[5] Depozizzjoni a fol 195 u kontro ezami a fol 300.
[6] Numru li kienet provdietlu Denise Demanuele stess.

ta' *Part 3 Warrant* minghand il-Magistrat ta' l-ghassa Dr Carol Peralta li mbaghad inqaleb fil-forma ta' EAW f'Dicembru 2013 meta gie iffirmat mir-Registratur ta' din il-Qorti, Joseph Sacco. F'dak l-istadju intalbet l-ghajnuna ta'l-ufficju ta' l-Avukat Generali, bhala l-awtorita kompetenti, biex dan l-EAW mahrug fil-konfront ta'l-imputat jigi trasmess lill-awtoritajiet esteri. L-ispettur Stivala kien gie infurmat li l-imputat instab fir-Republika Ceka f'Jannar 2014 meta nbdew il-proceduri rikjesti mill-Ligi biex l-imputat jingieb Malta; l-imputat ingieb Malta fid-19 ta' Marzu 2014. Kien l-istess Spettur Stivala li ha l-kustodja ta' l-imputat mal-waslu tieghu f'l-ajruport ta' Malta u dak in-nhar stess ressqu il-Qorti u akkuzah bi frodi, falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz. Il-prezentata taht arrest kienet quddiem il-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit u l-kawza bdiet tinstema' mill-kompjant Magistrat Dr Saviour Demicoli. Minhabba ragunijiet ta' sahha il-kawza ta'l-imputat, flimkien ma diversi ohrajn li kien hemm pendenti quddiem il-Magistrat Demicoli, giet assenjata lill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera. Pendenti dawn il-proceduri saret talba ghal korrezzjoni f'l-EAW. Il-mandat kien originarjament inhareg ghal diversi reati allegatament kommessi fis-snin 2010 sa 2013. Peress li l-firma fuq il-garanzija bankarja allegatament saret fit-28 ta' Lulju 2009 giet tentata procedura skond gurisprudenza tal-European Court of Justice biex l-awtoritajiet Ceki jawtorizzaw korrezzjoni f'l-EAW. Din it-talba intlaqghet. Kien l-Ispettur Stivala li nnotifika lill-imputat bid-decizjoni moghtija mill-awtoritajiet Ceki fir-rigward tal-korrezzjoni; dan wara li kien hemm talba f'dan is-sens mill-istess awtoritajiet Ceki tramite il-Eurojust. In-notifika saret fil-5 ta' Frar 2015.

Illi xehed l-Ipsettur Dr Mario Cuschieri[7] li huwa ufficjal fis-Sirene Office tal-Korp tal-Pulizija, cioe l-ufficju inkarigat mir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Korp ghalhekk l-ufficju li jikkoordina l-azzjonijiet necessarji dwar EAWs. Wara li spjega l-procedura b'mod generali meta jinhareg EAW huwa ta d-dettalji tal-mandat mahrug fil-konfront ta' l-imputat. Spjega li wara li kienu gew infurmati mill-Ispettur Stivala li kien hemm EAW fil-konfront ta'l-imputat ircevew l-inkartament relattiv, dahhlu l-*alert* fis-sistema taghhom[8] fit-18 ta' Dicembru 2013; l-*alert* fis-sistema Schengen harget fit-23 ta' Dicembru 2013. F'nofs Jannar 2014 gew infurmati mill-awtoritjiet Ceki li l-imputat kien gie arrestat fir-Republika Ceka u li kienu waqqfulu karta ta' identita Maltija li kienet issenjalata fis-sistema tal-pulizija (Maltija) bhala mitlufa jew misruqa; gew infurmati ukoll

[7] Depozizzjoni a fol 188 et seq
[8] In-National Stop List.

li l-process ghall-estradizzjoni ta'l-imputat kien inbeda. Ghal nofs Frar gew infurmati li kienet inghatat l-ewwel sentenza mill-Qorti Municipali ta' Praga li ordnat il-konsenja ta'l-imputat; din is-sentenza giet appellata u fit-13 ta' Marzu 2014 gew infurmati li l-proceduri kienu kollha ezawrieti u li ghalhekk ai termini tal-*Framework Decision* l-imputat kellu jingieb Malta fi zmien ghaxart ijiem. Saru l-arrangamenti necessarji u l-imputat ingieb Malta fid-19 ta' Marzu 2014.

Illi d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech[9] tressqet bhala xhud u spjegat l-involviment taghha f'dan il-kaz. Hija spjegat li fil-mansjonijiet taghha bhala Deputat Avukat Generali hija kienet inkarigata minn dak kollu li kellu x'jaqsam ma' international requests for assistance, money laundering, EAW's u fil-fatt kienet ilha membru tal-Eurojust mis-sena 2005. Hija spjegat ukoll li l-imputat u lil martu kienet ilha tafhom peress li kienu joqghodu qrib hafna, f'l-istess triq taghha.

Illi d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech spjegat kif f'Ottubru 2013 l-Ispettur Stivala kien mar l-ufficju taghha biex ticcekkajlu *Part 3 Warrant*[10]; meta rat il-mandat irrealizzat li kien jirrigwarda persuna li hija kienet tafha u cioe l-imputat. Hija ivverifikat l-inkartament u beda il-process ghall-hrug ta'l-EAW; id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech iccarat li biex l-imputat ma jhossux imbarrazat meta eventwalment jigi notifikat bil-mandat hija talbet lil xi hadd iehor mill-ufficju taghha biex jiffirma bhala contact person ta'l-awtorita centrali f' Malta. Gara pero li ftit ta' zmien wara l-avukat li kien qed jirraprezenta lill-imputat fir-Republika Ceka baghatilha messagg minn liema hija fehemet li l-imputat kien tah l-impressjoni (lil dan l-avukat Cek) li jekk ikellimha hija kienet tkun tista' tghin lill-imputat biex jaqa' l-mandat. Meta saret taf b'dan ix-xhud ikkomunikat ma'l-avukat Malti ta'l-imputat[11] biex jassigura li l-imputat jieqaf jaghmel dawn l-allegazzjonijiet. Il-proceduri ghall-hrug tal-mandat komplew isegwu l-iter li normalment isegwi kull mandat iehor. Wara li l-imputat ingieb Malta l-Pulizija xtaqu jaghmlu korrezzjoni fid-data ta' wahda mill-imputazzjonijiet ghalhekk saret talba lill-awtoritatjiet Ceki f'dan is-sens permezz ta' additional request. Din ukoll segwiet il-kors normali taghha u eventwalment it-talba giet milqugha mill-awtoritajiet Ceki.

---

[9] Depozizzjojni a fol 45  u kontro ezami a fol 269.

[10] Ix-xhud sjegat li kienet prassi li spetturi jivverifikaw id-dokumenti maghha qabel ma jipprezentawhom ufficjalment lill-Magistrat.

[11] Dak iz-zmien Dr Noel Cutajar.

Illi d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech kompliet tispjega li hija saret taf b'l-allegazzjonijiet li kien qed jaghmel fil-konfront taghha l-imputat meta infurmaha l-avukat tieghu Dr Noel Bianco[12]. Huwa kien qallha ukoll li in vista ta' dawn l-allegazzjonijiet ma hassx li jista jibqa jippatrocinah lill-imputat. Ix-xhud stghagbet b'dawn l-allegazzjonijiet ghaliex hija ma kellha l-ebda involviment fil-kaz ta'l-imputat hlif meta kienu ghaddejjin il-proceduri ta'l-EAW; hija fil-fatt tghid li qatt ma kellha involviment fil-proceduri li mbaghad inbdew fil-Qorti tal-Magistrati u lanqas qatt ma gietx ikkonsultata mill-kollegi taghha f'l-ufficju ta'l-Avukat Generali qabel ma prezentaw ir-risposti ghar-rikorsi prezentati mill-imputat ghal helsien mill-arrest u lanqas ma giet ikkonsultata mill-avukati f'l-ufficju taghha fil-fazi struttorja tal-kumpilazzjoni.

Illi b'referenza partikolari ghall-kontenut ta'l-ittra li l-imputat baghat lill-President ta' Malta hija ticcara diversi punti:

- It-talba ghall-korrezzjoni f'l-EAW ma saritx minnha imma mill-pulizija.
- Il-mandat ma giex iffirmat mill-Magistart Dr Carol Peralta f'Dicembru 2013; l-imsemmi Magistrat iffirma il-*Part 3 Warrant* f'Ottubru 2013; kien ir-Registratur Joseph Sacco li iffirma l-mandat fit-18 ta' Dicembru 2013.
- Il-proceduri quddiem l-awtoritajiet Ceki (dwar il-korrezzjoni) kienu konkluzi f'l-4 ta' Marzu 2015 u ghalhekk tlett gimghat qabel l-imputat baghat l-ittra.
- EAW ma jinharigx necessarjament ghax persuna tkun "*mahruba*" imma ghaliex il-prezenza taghha tkun rikjesta f'pajjiz iehor biex jiskonta piena karcerarja, jew biex jigi investigat, jew biex jinbdew (jew jitkomplew) proceduri penali kontra taghha.
- Hija kellha l-istess tip ta' hbiberija kemm ma'l-imputat kif ukoll ma' martu, u qatt ma halliet din il-hbiberija tinfluwenzaha f'xogholha.
- Hija ma kellha l-ebda parti fil-, jew influwenza fuq, id-decizjoni li ttiehdet biex il-kawzi li kienu pendenti quddiem il-Magistrat Dr Saviour Demicoli jigu assenjati lil Magistrat Dr Scerri Herrera, stante li dik hija prerogattiva assoluta ta'l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef.
- Hija qatt ma kellha kunflitt ta' interess ghaliex hija qatt ma kellha rwol attiv fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta fil-konfront ta' l-imputat.
- Il-fatt li l-imputat u martu kienu joqghodu qrib taghha kien ingib a konjizzjoni ta'l-awtoriajiet Ceki fil-mori tal-proceduri dwar l-EAW u

[12] Waqt il-proceduri Dr Noel Cutajar ma baqax jassisti lill-imputat li ghalhekk inkariga lil Dr Noel Bianco.

dawk l-awtoritajiet, wara li ghamlu referenza ghall-oggezzjonijiet sollevati mill-imputat, skartawhom bhala irrilevati.

Illi fid-depozizzjoni taghha[13] l-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera spjegat l-iter tal-proceduri li kienu nbdew kontra l-imputat fid-19 ta' Marzu 2014 meta kien tressaq taht arrest quddiem il-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit akkuzat bi frodi. Hija spjegat li dak in-nhar l-imputat kien talab il-helsien mill-arrest pero din it-talba ma ntlaqghatx. Wara l-prezentata taht arrest il-kawza giet assenjata lill-kompjant Magistrat Dr Saviour Demicoli. F' April 2014, minhabba indispozizzjoni tal-Magistrat Demicoli il-kawza ta'l-imputat (flimkien mal-kumpilazzjonijiet kollha pendenti quddiem il-Magistrat Demicoli) giet temporanjament assenjata lilha; dan fuq ordni tal-Unur Tieghu il-Prim Imhallef. F'l-24 ta' Novembru 2014 l-assenjazzjoni nghatat effett permanenti, ukoll fuq ordni ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef. Fit-8 ta' Mejju 2014 l-imputat ghamel talba ohra ghall-helsien mill-arrest; din it-talba giet michuda. L-imputat rega talab il-helsien mill-arrest peremzz ta' rikorsi prezentati fit-18 ta' Gunju 2014, fit-23 ta' Lulju 2014 u fit-8 ta' Awissu 2014; it-talba baqghet ma ntlaqghetx. Dawn it-talbiet saru kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja kif presjeduta mill-Magistrat Dr Scerri Herrera; l-Avukat Generali kien oppona kull talba li saret. Fid-degriet li permezz tieghu giet michuda it-talba dedotta fit-23 ta' Lulju 2014 il-Qorti kienet ordnat lill-ufficjal prosekutur biex fis-seduta sussegwenti jressaq il-provi kollha li kien fadal. Fit-22 ta' Awissu 2014 l-imputat ghamel talba ohra ghall-helsien mill-arrest; din id-daba it-talba saret quddiem il-Qorti Kriminali. U din id-darba l-Avukat Generali m'opponiex it-talba u fil-fatt it-talba intlaqghet taht diversi kundizzjonijiet inkluz depozitu ta' elfejn Euro u garanzija personali ta' hamest elef Euro. F'l-14 ta' Jannar 2015 l-imputat ghamel talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex l-ammont tad-depozitu jigi ridott; ir-rikors gie notifikat lill-Avukat Generali li oggezzjoni ghal din it-talba u l-Qorti ma laqghatx it-talba. Talba simili regghet saret fl-11 ta' Frar 2015, fit-23 ta' Frar 2015, u f'l-24 ta' Marzu 2015; kull r-rikors gie notifikat lill-Avukat Generali li baqa' joggezzona ghar-riduzzjoni. Il-Qorti baqghet tichad it-talba ta'l-imputat. Waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2015 il-Magistrat Dr Scerri Herrera giet infurmata li l-imputat kien baghat l-ittra lill-President ta' Malta, liema ittra, fuq talba ta'l-istess Magistrat, giet prezentata in atti fis-seduta sussegwenti cioe dik ta'l-14 ta' Mejju 2015. Wara li l-Magistrat Dr Scerri Herrera rat il-kontenut ta'l-ittra ordnat li din tinbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija u ordnat ukoll lill-

[13] Depozizzjoni a fol 93 u kontro ezami a fol 290.

Kummissarju tal-Pulizija biex f'l-udjenza sussegwenti jirrapporta dwar l-andament ta'l-investigazzjoni. F'l-udjenza mizmuma fil-21 ta' Mejju 2015 il-Qorti giet infurmata li kienu nbdew proceduri penali kontra l-imputat in konnessjoni ma'l-allegazzjonijiet li huwa ghamel f'l-ittra[14]; il-Magistrat Scerri Herrera ghalhekk irrikuzat ruhha u l-kawza giet assenjata lil dik il-Qorti kif diversament presjeduta.

Illi b'referenza ghall-kontenut ta'l-ittra l-Magistrat Dr Scerri Herrera cahdet li hija qatt kellha xi pregudizzju fil-konfront ta'l-imputat; spjegat ukoll ic-cirkostanzi kif xi libelli li kienu pendenti quddiemha gew assenjati lil Magistrat iehor; u li kienu jigu assenjati lilha diversi kawzi li originarjament kienu bdew jinstemghu minn Magistrati ohra. Il-Magistrat Dr Scerri Herrera iccarat li hija ghandha konoxxenza tad-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech pero cahdet li hija setghet giet influwenzata fil-gudizzju taghha; anzi iccarat li hija qatt ma tkellmet mad-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech fuq l-imputat, fuq il-kawza tieghu jew fuq xi kawzi ohra li seta' kellha pendenti quddiemha. Qalet ukoll li lill-imputat ma kenitx tafu u lanqas kienet taf lil martu jew lil Tanya Attard.

Illi x-xhud spjegat ukoll li l-prosekuzzjoni kienu ghalqu l-provi f'Ottubru 2014 u li wara zammet almenu ghaxar seduti li fihom l-imputat ressaq xhud wiehed biss ghalkemm kien jiddikjara li kellu diversi xhieda u provi x'jipproduci. Huwa kien jilmenta li kellu bzonn access ghal xi dokumenti li ma kienux fil-pussess tieghu il-habs allura hija indikat li kienet tkun propensa tilqa talba biex johrog mill-habs taht skorta u jmur fil-post fejn kellu dawn il-provi u jgib id-dokumenti li kellu bzonn; l-imputat pero baqa' qatt m'ghamel talba f'dan is-sens.

Illi l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Saviour Baldacchino[15] da parti tieghu spjega kif gie ordnat mis-superjuri tieghu biex jinvestiga l-ittra in ezami wara li l-Kummissarju tal-Pulizija hekk gie ordnat jaghmel mill-Magistrat Dr Scerri Herrera. Huwa fil-fatt, wara li ra l-ittra, tkellem mal-persuni kollha koncernati u wasal ghall-konkluzzjoni li l-akkuzi kollha maghmula mill-imputat kienu infondati ghalhekk proceda billi intavola il-proceduri odjerni kontra l-imputat.

---

[14] Il-Magistrat Scerri Herrera kienet ser tkun xhud f' dawk il-proceduri.
[15] Ref depozizzjoni a fol 19 u kontroezami a fol 213 u 243 rispettivament.

Illi l-ufficjal prosekutur prezenta kopja ta'l-ittra li giet ikkonfermata minn rapprezentant ta'l-ufficju tal-President ta' Malta[16]. F'din l-ittra l-imputat ghamel diversi asserzjonijiet; fost hafna affarijiet ohra jghid li:

- l-mandat t'arrest gie iffirmat mill-Magistrat Peralta gurnata biss qabel "*il-famuz skandlu tal-festin gol-awla tal-Qorti*" minghajr ma gew verifikati l-akkuzi
- l-izball fid-data ta'l-akkuzi sar b'malizzja ghaliex kieku giet indikata d-datat korretta l-akkuzi kienu jigi preskritti
- hu kien ilu imsiefer minn Malta minn Dicembru 2012 ghalhekk ferm qabel ma sar ir-rapport fil-konfront tieghu u konsegwentment huwa ma kienx *mahrub*
- id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech hija habiba kbira u gara tal-mara tieghu u li minhabba s-separazzjoni ma' martu zgur li l-immagni tieghu mal-girien ma baqghatx "*wahda impekkabbli*" u dan minhabba ghidut li xxerred fuqu martu
- id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech ghandha certa hbiberija mal-Magistrat Dr Scerri Herrera li *b'kumbinazzjoni* qed jidher quddiemha
- il-Magistrat Scerri Herrera u d-Deputat Avukat Genrali Dr Frendo Dimech deheru flimkien f'restaurant u r-ritratti gew ippublikati fil-media
- il-Magistrat Scerri Herrera ma laqghatx it-talbiet tieghu ghall-helsien mill-arrest  u kien biss l-Imhallef Michael Mallia li akkordalu l-helsien mill-arrest ghalkemm taht diversi kundizzjonijiet inkluz dak ta' depozitu
- il-Magistrat Dr Scerri Herrera baghet ma laqghatx talbiet sussegwenti biex l-ammont ta' depozitu jigi konvertiet f'garanzija
- il-Magistrat Scerri Herrera tnehhewlha l' fuq minn ghoxrin kaz mill-Prim Imhallef minhabba biza' ta' parteggjanat
- li mhux qed jigi trattat b'mod gust u mhux qed jinghata fair trial
- kompla sahhah is-suspetti tieghu dwar id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech meta sar jaf li l-awtoritjiet Ceki talbu l-ghajnuna tal-Eurojust (dak iz-zmien rapprezentata f' Malta mid-Deptuat Avukat Generali Dr Frendo Dimech) biex jigi notifikat b'decizjoni dwar it-talba ghall-korrezzjoni ta'l-EAW
- il-fatt li d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech hija l-ufficjal inkarigat mill-estradizzjonijiet lejn Malta jghati sens ghall-mod mhaggel li bih hu gie estradiet

[16] Il-kopja prezentata mill-Ispettur Baldacchino hija esebieta bhala Dok SB1 a fol 25; din hija kopja, ta'l-ittra mhux iffirmata, li l-imputat prezenta f'l-atti tal-kawza pendent quddiem il-Magistrat Dr Scerri Herrera. Giet prezentata ukoll kopja ta'l-ittra kif mibghuta lill-ufficju tal-President wara li l-Qorti giet murija l-ittra originali; din il-kopja hija esebieta bhala Dok AB1 a fol 39.

- kien hemm dewmien inkredibbli u mhux gustifikat biex jigi degretat kull rikors minnu prezentat quddiem il-Magistrat Dr Scerri Hererra

Illi l-imputat xehed quddiem din il-Qorti[17]. Jispjega li hu telaq minn Malta f' Dicembru 2012 pero martu dejjem kienet taf fejn qieghed u kienet tikkontattjah regolarment minhabba s-separazzjoni. Jirrakkonta dettaljatament kif gie arrestat mill-pulizija Ceka, il-proceduri kollha li segwew u dak kollu li ghadda minnu sa kemm gie estradiet lejn Malta. Jghid li huwa kien dahal f'kuntatt ma'l-Avukat Dr Noel Cutajar li, flimkien ma' avukat Cek, kien qed jassistih f'dawn il-proceduri. Jammetti li huwa kien semma li Dr Frendo Dimech ma'l-avukat Cek pero jghid li l-avukat kien fehem hazin ghalfejn semma lil Dr Frendo Dimech u ghalfejn xtaq jikkomunika maghha. Meta wasal Malta u nbdew il-proceduri huwa kien ghadu assistet minn Dr Noel Cutajar li prezentalu diversi rikorsi ghall-helsien mill-arrest izda dawn gew michuda. Eventwalment inqala disgwid bejniethom u, wara li sar jaf bih tramite detenuti ohra, l-imputat inkariga lil Dr Noel Bianco biex jassistih. L-ewwel haga li qal lil Dr Bianco kien fuq is-suspetti li kellu fuq Dr Frendo Dimech li skond l-imputat gew kondivizi mill-avukat. Meta fi Frar 2015 l-Ispettur Stivala innotifikah bid-decizjoni ta'l-awtoritajiet Ceki dwar il-korrezzjoni f'l-EAW l-imputat tkellem ma'l-Avukat Bianco u skond l-imputat dan qallu biex jinfurma lill-avukat Cek biex dan jirrapporta lil Dr Frendo Dimech quddiem l-awtoritajiet Ceki fuq il-kunflitt ta' interess li kellha. L-imputat jghid li dak iz-zmien kien f'qaghda vulnerabbli, taht kura psikjatrika u kien jiehu doza qawwija ta' medicinali. Jghid li l-Avukat Bianco qallu li huwa kien jaghti privat lit-tifel tal-Magistrat Scerri Herrera u li kien kellimha dwar il-kaz u kienet ser twaqqa' xi akkuzi; qallu ukoll li l-avukat tal-mara Dr Leonard Caruana kien ghamel zmien avukat fi hdan l-ufficju ta'l-Avukat Generali u kellu l-hbieb hemm, u ghalhekk kienet ser tkun aktar difficli biex jinghata l-helsien mill-arrest.

Illi l-imputat kompla jispjega kif huwa kien issellef Kodici Kriminali u beda jaqrah; ra li seta' jaghmel talba lill-President ta' Malta u ddiskuta dan ma'l-avukat. L-imputat jghid li l-ittra kitibha hu, uriha lill-avukat u dan ghamillu xi suggerimenti ta' editing; jghid ukoll li l-avukat kien jaf il l-ittra ser tinbghat. L-imputat jinsisti li l-ittra kitibha wahdu, m'ghenu hadd u m'heddu hadd; jghid pero li kitibha taht l-influwenza ta' l-assurditajiet li qallu l-avukat[18]. Ikompli jirrakonta li ftit ta' zmien wara meta kien qieghed fil-lock

---

[17] Depozizzjoni a fol 310 et seq.
[18] Iddiskrivihom hekk *with hindsight* meta kien qed jiddeponi.

up (il-Qorti) qed jistenna biex jitla f'l-awla ghas-seduta, mar ikellmu l-Avukat Bianco apparentement sorpriz, isaqsih jekk baghtx xi ittra lill-President ta' Malta. Dak in-nhar waqt l-udjenza Dr Bianco irrinunzja ghall-patrocinju ta'l-imputat li gie ordnat jipprezenta kopja ta'l-ittra f'l-atti ta' dik il-kawza. L-imputat kompla jispjega kif il-kawza mbaghad bdiet tinstema mill-Magistrat Dr Josette Demicoli, u li huwa beda jigi investigat minhabba l-ittra li baghat lill-President; wara ftit ittiehdu proceduri kontra tieghu minhabba il-kontenut ta' l-ittra. Spjega ukoll kif eventwalment it-talba tieghu biex il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest jinbidlu giet milqugha u huwa fil-fatt gie rilaxxjat mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin. L-imputat insista hafna fid-depozizzjoni tieghu li huwa ma xtaq iwegga' lil hadd b'l-ittra li kiteb u li l-kontenut kollu taghha kien influwenzat minn dak li kien jghidlu l-Avukat Bianco. L-imputat kompla d-depozizjoni tieghu billi allega li martu kienet offriet flus lill-Avukat Cutajar pero dan m'accettax u anke infurmah b'l-akkadut. L-imputat jghid ukoll li meta kien qed jigi investigat dwar l-ittra mertu ta' dawn il-proceduri hu baghat ittra ohra lill-President ta' Malta[19].

Illi xhud iehor li ddepona fit-tul hafna kien certu Omissis[20], persuna detenuta fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li ghal xi zmien kien jaqsam ic-cella ma'l-imputat. Jghid li l-imputat huwa bniedem kwiet u genwien; li l-imputat ghenu hafna mhux biss psikologikament imma billi ghenu jitghallem l-Ingliz u anke ghenu ghamel dieta u jitlef hafna piz zejjed li kellu. Jghid li l-imputat kien taht hafna stress minhabba il-proceduri li kien hemm fil-konfront tieghu, minhabba li ma kienx qed jara lit-tfal, u minhabba li ma nghatax helsien mill-arrest. Jirrakkonta episodju meta l-avukat Dr Noel Bianco (li qatt ma kien l-avukat tieghu u li qatt ma kien kellmu qabel), fil-waqt li kien qed jagixxi fil-kwalita tieghu ta' konsulent ta' certu Charles Cini, kien mar ikellmu (lil Omissis) fuq l-imputat. Jghid li Dr Bianco prova jurih xi dokumenti li kienu jikkoncernaw lill-imputat[21]; dan kien meta l-imputat kien ghadu patrocinat minn Dr Bianco. Din il-laqgha saret meta l-imputat kien diga kiteb l-ittra lill-President ta' Malta u kienet fil-process li tinbaghat mill-habs[22]; Omissis ghalhekk hassli ma kellux jghid lill-imputat mill-ewwel dwar l-inkontru ma' Dr Bianco f'dak l-istadju, pero eventwalment qallu.

[19] Huwa prezenta c-chit li tivverifika li ittra intabghhtet b'posta registrata, ref Dok CD2 a fol 385.
[20] Depozizzjoni a fol 524 et seq.
[21] Hu pero ma fehemhomx stante li kienu bil-Malti u hu ma jafx Malti.
[22] Hemm procedura laborjuza qabel ma' ittri ta' detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jinbaghtu lid-destinatarju.

Dwar l-ittra mibghuta lill-President Omissis jghid li kien jaf li l-imputat kien qed jikteb din l-ittra u ta hafna dettalji dwar x'sar minn dik l-ittra sa kemm ghaddiet mill-process intern tal-habs qabel ma giet mibghuta. Omissis jghid li sa fejn jaf hu l-avukat ta' l-imputat (Dr Bianco) ma kienx jaf b'l-ittra meta kienet qed tinkiteb. Jghid ukoll li, sa fejn jaf hu, l-imputat ittra wahda biss kiteb lill-President ta' Malta.

Illi Dr Noel Bianco LL.D.[23] spjega kif hu kien iltaqa' l-ewwel darba ma'l-imputat il-habs meta talbu biex jibda jassistih; Dr Bianco hekk ghamel. Jghid li l-imputat kien esprima mieghu il-hsieb li l-Magistrat Dr Scerri Herrera u Dr Frendo Dimech *kienu miftehmin* ghaliex hadd iehor kien jiehu l-bail imma huwa le, semmhielu ukoll il-fatt li martu kienet toqghod vicin ta' Dr Frendo Dimech. Ix-xhud jghid pero li huwa kien isserahhlu rasu li minn dak li qed jahseb m'hemm xejn. Cahad li hu qal lill-imputat li l-Dr Frendo Dimech "*plays dirty*" anzi qal li kien l-imputat li qallu dan il-kliem u hu kien esprima dizapprovazzjoni. Cahad li huwa qal lill-imputat biex jikkomunika ma'l-avukat Cek biex dan jirrapporta lil Dr Frendo Dimech dwar kunflitt ta' interess; huwa qallu jcempel lill-avukat sempliciment biex jinforma ruhu dwar id-dokumentazzjoni li kien innotifikah biha l-Ispettur Stivala.

Dr Bianco jiftakar li darba minnhom meta kien qieghed il-habs u kien qed jitkellem ma'l-imputat dan infurmah li kien ghamel ittra; ir-reazzjoni tax-xhud kienet li jghidlu biex joqghod attent u ma jitfax gebel fuq saqajh. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien anke urih xi notamenti dwar dak li xtaq jinkludi f'l-ittra pero hu (Dr Bianco) qallu li l-punti imsemmija ma kienux jaghmlu sens u qallu ukoll biex ma jiffissax. Ix-xhud qal ukoll li hu l-ittra propja qatt ma raha qabel ma ntbaghtet u li skond ma' qallu l-imputat l-ittra iddraftja b'l-ghajnuna ta' detenut iehor[24]. Huwa fil-fatt ra bicca mill-ittra, wara li ntabghtet, meta l-ittra kienet f'idejn l-imputat meta kienu l-Qorti dehlin f'l-awla ghas-seduta. Rinfaccjat b'din l-informazzjoni, u cioe li l-imputat kien baghat l-ittra, Dr Bianco irrinunzja ghall-patrocinju ta'l-imputat. Ix-xhud ta xi informazzjoni dwar xi avvenimenti ohra li kienu sehhew il-Qorti wara dawn l-avvenimenti fuq sintetizzati.

Illi xehedu ukoll zewg tobba mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex jaghtu informazzjoni dwar l-istat ta' sahha ta'l-imputat meta kien detenut f'dik il-facilita[25]. Mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li l-imputat gie riferut lilhom

---

[23] Depozizzjoni a fol 558 et seq.
[24] In-Nutar Sandro Schembri Adami
[25] Dr Hector Cutajat, depozizzjoni a fol 394 et seq, u Dr Joseph Spiteri depozizzjoni a fol 456 et seq.

fit-2 ta' Frar 2015 meta, skond in-notamenti fil-file ta'l-imputat, huwa kien "*still feeling depressed,* (kellu) *ruminations, problem with ex-wife, court issues, not sleeping, mentally stable, no suicidal or self harm ideation*"; wara li gie ezaminat gew preskritti lilu zewg tipi ta' anti-depressants. Baqa jigi segwiet u ma jidhirx li inbidlu wisq l-affarijiet ghalkemm f'April 2015 giet preskritta lilu pinolla hafifa ta'l-irqad b'zieda mal-pinolli l-ohra li kien jiehu. Skond it-tobba l-imputat, bhal hafna mid-detenuti, kellu *incarcerated related anxiety* u li d-dipressjoni li kien ibaghti minnha kienet *mild to moderate* fil-fatt dan kien anke rifless fid-doza (kontrollata) tal-medicinali li gew preskritti.

Illi tressqu diversi xhieda ohra mid-difiza, kollha biex jikkorroboraw xi siltiet mid-depozizzjoni ta'l-imputat. Gara pero li din il-korroborazzjoni m'avveratx ruhha ghaliex hadd mill-persuni ingunti ma ftakar l-episodju jew id-dettalji li gew mitluba jixhdu dwarhom.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-provi prodotti**

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni prezentaw diversi dokumenti waqt id-depozizzjoni taghhom. Hafna minn dawn id-dokumenti, fil-maggoranza atti gudizzarji, huma fotokopja mhux awtentikata u lanqas konfermata b'gurament mir-Registratur tal-Qorti.

Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili[26] (rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali[27]) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentika u konsegwentment tista' tingieb bhala prova *jekk maghmula fil-forma li trid il-Ligi mill-ufficjal li ghandu huwa merfugh l-original*.

Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma

[26] Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[27] Il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti[28], altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.

Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles[29] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:

> *Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*

Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghtaw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova. Dawn huma Doks DFD1 a fol 62; Dok CSH sa Dok CSH8 a fol 107 sa fol 134, u Dok CSH10 sa Dok CSH16 a fol 138 sa fol 163. Hemm ukoll dokumenti, DokCSH9 a fol 134, u Dok CSH16A sa Dok CSH 19 a fol 164 sa fol 181, li huma fotokopja ta' kopja awtentikata liema fotokopja pero baqghet qatt ma giet awtentikata kif titlob il-Ligi; konsegwentment dawn ukoll qed jigu skartati. Jigi rilevat li d-dokumenti formanti id-dokument Dok DFD2 huma kopja ta' atti li intbaghtu minghand, jew lill, l-ufficju ta'l-Avukat Generali; peress li meta prezentathom Dr Frendo Dimech kienet qed tixhed, taht gurament, fil-kwalita taghha ta' Deputat Avukat Generali l-Qorti qed taccetta dawn il-kopji bhala ammissibbli.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami tal-provi kollha processwali hemm diversi fatti li jistghu jigu stabbiliti b'certezza; u cioe li:

- Ma kien hemm xejn anomalu fil-mod kif inhareg l-EAW fil-konfront ta'l-imputat, u fil-proceduri li segwewh sa kemm l-imputat gie estradiet lejn Malta; lanqas ma jista' jinghad li din l-estradizzjoni saret b' ghagla jekk mhux dik li titlob il-Ligi, fil-fatt kollox sar fit-termini preskritti fil-Ligi.
- Ma kien hemm xejn straordinarju fil-fatt li r-rikorsi li kien qed jaghmel l-imputat ghall-helsien mill-arrest gew michuda mill-Qorti tal-Magistrati u li eventwalment it-talba intlaqghet mill-Qorti Kriminali, partikolarment meta wiehed iqies li t-talba ntlaqghet mil-Qorti Kriminali meta l-gbir tal-

[28] Fil-kaz ta' atti gudizjarji l-persuna kompetenti huwa r-Registratur tal-Qorti ghaliex, fit-termini ta'l-artikolu 636 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti gudizjarji originali huma merfugha ghandu.
[29] Deciza 27.07.2012.

provi tal-prosekuzzjoni kien kwazi konkluz u, ghalhekk, ghall-ewwel darba l-Avukat Generali m'opponiex it-talba ta'l-imputat.
- Ir-rikorsi prezentati mill-imputat gew trattati u decizi b'l-urgenza rikjesta mill-Ligi, u t-termini imposti mill-Ligi gew osservati; l-istess ghandu jinghad ghall-kawza b'mod generali meta kienet pendenti quddiem il-Magistrat Dr Scerri Herrera, li zammet seduti fit-termini imposti mill-Ligi u kienet disposta taghti provvedimenti biex l-imputat ikun jista' jressaq dawk il-provi kollha li deherlu opportuni.

Illi aktar minn hekk mill-atti processwali ma tirrizulta l-ebda prova li turi li b'xi mod kwalunkwe kien hemm xi kolluzzjoni, bejn il-persuni imsemmija mill-imputat f'l-ittra tieghu, biex il-proceduri jiffavorixxu lil martu u/jew biex jpoggu lill-imputat f'pozizzjoni zvantaggjata. F' dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li sa meta wasal biex jixhed, wara li kellu l-beneficcju li jisma' l-provi kollha tal-prosekuzzjoni, l-imputat donnu rrealizza li l-konkluzzjonijiet li kien wasal ghalihom fuq il-persuni koncernati kienu zbaljati u anke indika hekk fid-depozzjoni tiehu [30].

Illi dwar l-ittra ta'l-imputat u l-fatti hemm asserieti ghandu jigi rilevat li uhud minn dawn il-fatti mhux kontestati mill-persuni kontestati u jirrizultaw, bhal per ezempju:
- mart l-imputat (u hu maghha qabel) kienet tghix vicin hafna tad-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech;
- kien u ghad hemm hbiberija bejn il-Magistrat Scerri Herrera u d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech;
- kien hemm okkazzjoni meta dawn iz-zewg persuni (fimkien ma terzi) kienu qed jieklu flimkien f'restaurant;
- kien hemm numru ta' kawzi li kienu pendenti quddiem il-Magistrat Scerri Herrera li gew riassenjati.

Illi hemm fatti ohrajn li pero huma inkorretti[31]; bhal per ezempju meta jghid li:
- kieku ma saritx il-korrezzjoni f'l-EAW l-azzjoni kienet tkun preskritta;
- l-mandat gie iffirmat mill-Magistrat Dr Peralta fit-18 ta' Dicembru 2013 u li gie iffirmat qabel ma gew verifikati l-fatti;
- l-process ta'l-estradizzjoni sar b'xi ghagla partikolari;
- li kien hemm hbiberija kbira bejn martu u Dr Frendo Dimech[32];

[30] Anke jekk implicitament.
[31] Hafna minnhom konkluzzjonijiet zbaljati relatati ma' punti ta' dritt.

- li ma gewx osservati it-termini imposti mill-Ligi meta l-Qorti kienet qed tiddecidi r-rikorsi ghall-helsien mill-arrest;

Illi dwar il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-imputat, wara li gie rinfacjat b'dawn il-fatti uhud korretti u uhud zbaljati, hu jghid li dwan kienu rizultat ta'l-avvenimenti kollha li ghadda minnhom (l-arrest fir-Republika Ceka, l-inkarcerazzjoni tieghu kemm f'dak il-pajjiz kif ukoll f'Malta) u l-effett psikologiku li dawn hallew fuqu, kombinati ma' dak kollu li kien qed jghidlu l-Avukat Bianco.

Illi dan iwassal ghal punt krucjali f'l-apprezzament tal-provi u cioe il-kunflitt lampanti li hemm bejn il-verzjoni mghotija mill-imputat u dik mghotija mill-Avukat Bianco. F'dan l-istadju huwa relevanti li fil-verita Dr Bianco ikkonferma kull episodju, imsemmi mill-imputat, u li kien jinvolvi xi konverzazzjoni bejnithom, sahansitra ikkonferma ukoll dwar xiex kienet il-konverzazzjoni u f'xi istanzi anke fuq id-diskors li ntuza; il-kunflitt jirrigwarda minn qal id-diskors partikolarment dak il-kliem ingurjuz fil-konfront tal-funzjonarji koncernati. Per ezempju:

- L-imputat jghid li l-Avukat mhux biss kien jaf b'l-ittra imma anke approva l-kontenut. Dr Bianco min-naha l-ohra jghid li kull ma ra kienu xi appunti ta'l-imputat dwar dak li kien qed jipproponi li jikteb u li hu mhux talli m'approvax imma prova jiddiswadih milli jibghat l-ittra.
- L-imputat jghid li (meta kien gie notifikat b'l-ewwel decizzjoni estera fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni f'l-EAW) kien Dr Bianco li qallu biex jitlob lill-avukat Cek biex jirrapporta lil Dr Frendo Dimech minhabba kunflitt ta' interess. Dr Bianco min-naha l-ohra jinsisti li kull ma qal lill-imputat kien biex icempel lill-avukat Cek biex jispjegalu x'kienu d-dokumenti ghaliex hu ma kien jaf xejn dwarhom.
- L-imputat jghid li f'xi konverzazzjoni bejnithom Dr Bianco qallu li Dr Frendo Dimech *plays dirty*; l-Avukat Bianco jinsisti li kien l-imputat li qal dak id-diskors.
- Dr Bianco jinsisti li l-ewwel darba li ra l-ittra kienet f'idejn l-imputat meta kien qed jittella' mill-lock up tal-Qorti ghall-awla. L-imputat jaghti verzjoni kompletament differenti: fil-waqt li ma jsemmiex li kellu l-ittra f'idejh jghid li Dr Bianco staqsih kienx baghat ittra lill-President ta' Malta u hu (cioe l-imputat) wera s-sorpriza tieghu ghal din il-mistoqsija stante li l-avukat kien diga infurmat b'l-ittra. Dwar dan l-ahhar kunflitt

[32] Dak li jirrizulta anke mid-depozizzjoni ta'l-imputat huwa li kienu certament konoxxenti, pero zgur mhux hbieb kbar.

ghandu jigi rilevat li skond il-verzjoni mghotija minn Dr Bianco dak in-nhar stess li huwa jghid li ra l-ittra f'idejn l-imputat huwa informa lill-Qorti b'l-ittra u li kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju ta'l-imputat. Dan gara f'l-udjenza mizmuma fis-7 ta' Mejju 2015. Dak in-nhar l-imputat gie mitlub jipprezenta kopja ta' l-ittra f'l-atti tal-kawza, u l-kawza giet differita ghall-gimgha ta' wara biex huwa jkun jista' jaghmel hekk. F'dan il-kwadru ta' fatti kif esposti minn Dr Bianco l-mistoqsija naturali hija: kieku l-imputat kellu l-ittra f'idejh l-avukat ma kienx jinforma lill-Qorti li l-ittra kienet disponibbli? u l-imputat ma kienx jipprezentaha dak in-nhar stess? F'dan il-kuntest hija aktar verosimili l-verzjoni ta'l-imputat li huwa gie affrontat minn Dr Bianco dwar il-fatt li kien baghat l-ittra u peress li din ma kenitx f'idejn l-imputat il-kawza giet differita ghall-gimgha ta' wara biex huwa jipprezentaha f'l-atti tal-kawza.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li hemm kunflitti ohra fil-verzjonijiet mghotija mix-xhieda prodotti in difeza. Per ezempju:

- L-imputat ta l-impressjoni li meta kien qieghed detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin l-istat mentali tieghu kien wiehed dghajjef hafna; dan jikkontrasta ftit mhux hazin ma dak li qalu t-tobba ghaliex fil-fehma tat-tobba dak li kien ibaghti minnu l-imputat kien komuni hafna fil-habs u l-ansjeta u d-depressjoni li kellu ma kienux gravi, anzi *mild to moderate*, fatt li kien rifless fid-doza tal-medicina li kien jinghata. Anke l-attivita li kien involut fiha l-imputat sa kemm kien detenut tikkontrasta ma'l-immagni ta' persuna, dghajjfa u vulnerabbli bi problemi kbar ta' ansjeta u depressjoni ghaliex huwa kien attiv hafna fil-gym, kien iqatta' ukoll hin fil-librerija, kien jaqra, u ghen hafna lil Omissis f'diversi aspetti.
- Omissis jghid li hu kienu jafu sew lill-imputat u kien jaf ic-cirkostanzi kollha relatati ma'l-ittra in ezami pero rrizulta li hu ma kienx jaf li Dr Noel Bianco kien gie infurmat b'l-ittra meta l-imputat kien ghadu qed jirredigiha; anzi Omissis kien minghalih li Dr Bianco sar jaf biha wara li ntbaghtet[33]. Omissis lanqas kien jaf li l-imputat baghat it-tieni ittra lill-President ta' Malta.

Illi problema ohra li giet riskontrata fix-xhieda imressqa in difeza hija li hafna minnhom ma ftakrux dak li huma gew mitluba jixhdu dwaru. Fil-bicca kbira dawn kien ufficjali tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li gew imharrka biex jikkorroboraw xi partijiet mid-depozizzjoni ta'l-imputat, partikolarment

[33] Il-fatt li Dr Bianco kien almenu jaf li qed tinkiteb ittra huwa konfermat mill-avukat stess.

konverzazzjonijiet li kellu ma’ Dr Bianco. F’dan ir-rigward il-Qorti, li kellha l-opportunita li mhux biss tisma imma anke tara lil dawn il-persuni jaghtu d-depozizzjoni taghhom, ma tistax ma osservax li dawn kienu xhieda riluttanti hafna u li possibilment setghu jiftakru hafna aktar minn dak li jghidu li ftakru.

## L-ewwel imputazzjoni

Illi permezz ta’l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addeibetat bir-reat ravvizat f’l-artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe l-**kalunja diretta** jew verbali.

Illi minn qari tad-dispozizzjoni relevanti huwa car li biex jissussisti r-reat ta’ kalunja diretta iridu jigu pruvati tlett elementi:

- *il-ħsieb li ssir ħsara lil xi persuna,*
- *akkuża quddiem awtorità kompetenti b’reat,*
- *ix-xjenza li dik il-persuna hija innoċenti.*

Fil-fatt Il-Professur Sir Anthony Mamo jelenka s-segwenti tlett elementi bhala dawk kostitutivi tar-reat in ezami:

1. *an accusation of an offence made to a competent authority;*
2. *intent to harm the person accused;*
3. *knowledge on the part of the accuser of the innocence of the person accused.*[34]

Illi dwar l-ewwel element l-istess awtur ikompli billi jghid li:

> *.... .... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[35]

Illi l-istess awtur jkkompli billi jghid li r-rapport lill-awtoritajiet kompetenti jista’ jsir b’kwalunkwe wiehed mill-forom specifikati fil-Ligi pero jzied li

[34] Ref Notes on Criminal Law Revised Edition 1954-1955 pagna 52.
[35] Op cit pagna 58.

biex jigi sodisfatt dan l-ewwel element tar-reat in ezami mhux necessarju li r-rapport ikun sar skond il-formalitajiet preskritti fil-Ligi.

> *Nor indeed is it limited to those formal ways contemplated in the laws of procedure. According to the authorities .... it is not essential that the information or complaint or report or other notice given of the offence should sayisfy all the requirements of form which the law prescribes (cf Criminal Appeal Police vs Carmelo Mifsud 27.03.1925). Any act which which is calculated to give rise to criminal proceedings against an innocent person is sufficient*[36].

Illi dan l-istess principju gie riafermat mill-Qrati taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Seychell[37] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-kalunja kif kontemplata f'l-artikolu 101:

> *L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti, jew tghaddi l-kaz lill-haddiehor biex dan eventwalment jressaq il-Qorti, lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.*

U fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Doreen Zammit[38] l-istess Qorti qalet hekk:

> *Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta'kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti.*

Illi fil-kaz in ezami l-imputat kiteb ittra lill-President ta' Malta, bla dubju l-oghla awtorita fil-pajjiz. L-ittra inkitbet fil-kuntest ta' proceduri penali pendenti kontra l-imputat u mibghuta lill-President ta' Malta ai termini ta'l-artikolu 574(2) liema dispozizzjoni taghti lill-President ta' Malta poteri kwazi gudizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-President ta' Malta b'mod generali, imma wisq aktar f'l-ezercizzju tal-poteri kwazi gudizzjarji naxxenti minn din id-dispozizzjoni, ghandha s-setgha li, infurmata b'fatti li jikkostitwixxu reat, *tghaddi l-kaz lill-haddiehor biex dan eventwalment jressaq il-Qorti, lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.*

---

[36] Op cit pagna 53.
[37] Deciza fis-17.10.1997.
[38] Deciza fil-15.06.2001.

Illi qari ta'l-ittra mibghuta lill-President ta' Malta mill-imputat m'ghandu jhalli l-ebda dubbju li dak li huwa insinwa dwar il-funzjonarji hemm indikati jammonta ghal reati gravissimi u li, kif gustament irrileva l-ufficjal prosekutur, jimminaw tlett istituzzjonijiet ta' importanza fundamentali.

Illi lanqas m'ghandu jkun hemm l-icken dubbju li d-denunzja da parti ta'l-imputat kienet mhux biss volontarja imma anke spontanja[39] fis-sens li, kif jiddikjara l-istess imputat, l-ittra kitibha hu minn jeddu u baghatha hu minn jeddu lill-President ta' Malta. L-imputat pero jikkontendi li hu ma riedx jipprezenta kopja ta'l-ittra f'l-atti tal-kawza imma ghamel hekk ghax hekk gie mitlub jaghmel mill-Qorti. Fil-verita huwa irrelevanti ghal punt in diskussjoni jekk prezentax kopja ta'l-ittra f'l-atti tal-kawza volontarjament jew le ghaliex l-artikolu 101 *considers the crime complete by the mere act of laying the information or making the complaint*[40]. Fil-kaz in ezami l-element materjali tar-reat addebetat lill-imputat avvera ruhu meta huwa baghat l-ittra lill-President ta' Malta u mhux meta huwa prezenta kopja f'l-atti tal-kawza li kienet pendenti quddiem il-Magisrtart Dr Scerri Herrera.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li jissussisti l-ewwel element essenzjali ghar-reat in ezami.

Illi pero dan l-element wahdu mhux sufficjenti; jridu jigu pruvati z-zewg elementi l-ohra u cioe l-hsieb li jaghmel hsara lil dawk il-persuni u x-xjenza li l-persuni fil-konfront ta' min inghatat l-informazzjoni huma innocenti.

Illi fis-sentenza fuq kwotata (Il-Pulizija vs Doreen Zammit) il-Qorti iddeskriviet l-element formali rikjest f'dan ir-reat fis-sens:

> *li, min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzataha b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.*

---

[39] Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Horace Desira (deciza 08.03.2005) il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, anke b'referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo qalet li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja.
[40] Professur Mamo op cit pagna 56.

Illi dwar dawn l-elementi il-Professur Mamo jghallem hekk:

> *The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against an other person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Nothwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused the law could not reasonably punish the accuser who would have merely used and not abused a right which is competent to him. ...... ......* ***Indeed such punishment could not even be applied in the case in which the accuser acted rashly or with patent imprudence without pondering on the consequences of the accusation he was making***[41]*. In our law, which requires the intent to cause harm, the same principles apply. The harm to which reference is here made mau consistmerely in exposing the victim to the possibility or criminal proceedings being taken and punishment awarded* [42] *..... .....*
>
> *Always in connection with this element of the intent to harm the question is also discussed whether a caliminous accusation for the purpose of saving himself from a charge or .... per retorsionem or per exceptionem is liabile to punishment. ........... The best solution, however, according to Maino is that gievn by Mortara, that il-diritto di difesa non si puo spingere fino al punto di legittimare una lesione cosi grave delle personalita altrui and that therefore the purpose of defending oneself does not exclude the crime of calumny.*[43]

Illi dwar l-element tax-xjenza (li l-persuna kontra minn sar it-tapport jew inghatat l-informazzjoni hija innocenti) l-istess awtur kompla hekk:

> *His knowledge consitutes the specific formal element of the crime and outs in bold relief the design to injure the victim. .... The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be* ***certain***[44]*, so that it can be said the he*

[41] Sottolinear tal-Qorti.
[42] Op cit pagna 54.
[43] Op cit pagna 55.
[44] Sottolinear ta'l-awtur.

*deliberately and maliciously made the false imputation. The mere falsity of the imputation without such knowledge is not sufficient because as we have already said such falsity may be involuntary and therefore not malicious as in the case of an informer who imputes an offence to a person he, in truth, believes to be guilty. La calunnia criminalmente perseguibile, says Carrara, .... .... "e' oggi soltanto la manifestissima. Bisogna cioe che non solo l'accusato abbia chiarato l'innocenza propia, ma di piu che sia dimostrata nell'offeso che lo denunzio come autore del delitto con la cognizione di tale innocenza. Qualunque causa di giusta credulita sara bastevole ad esonerare dal rimprovero di calunnia un offeso che erroneamente sebbene con troppa precipitazione si persuase che l'autore del delitto da lui patito fosse chi realmente non lo era". Any information report or complaint not in accordance with the true facts but which may have been laid or made not in bad faith, may only give rise to responsibility for damages for the unjust accusation in so far as the agent may be guilty of negligence for civil purposes.*[45]

Illi l-kuncetti tal-*calunia manifestissima* min-naha u *giusta credulita* min-naha l-ohra[46] gew addottati mill-Qrati taghna ukoll. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Violet Smith[47] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali kkonkludiet li l-fatti f'dak il-kaz kienu jinkwadraw ruhhom f' "*dak li fid-dottrina jissejjah calunnia manifestissima, ghax bil-fors li l-imputata kienet taf li ma kienx veru*" il-fatt li dwaru ghamlet ir-rapport. Pero dik il-Qorti qalet ukoll li *fil-konkors tac-cirkostanzi mehtiega dik li tissejjah giusta credulita tista' tezonera mill-addebietu tal-kalunnja*.

Illi dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat in ezami l'Antolisei jghid hekk:

*Il dolo si concreta nella volonta di realizzare il fatto di calunnia diretta o indiretta con la consapevolezza che l'incolpato e' innocente. La prova di quest'ultima presenta spesso difficolta non lieve. Il convincimeno che il denunciato sia, in effetti, colpevole, esclude per errore di fatto il dolo. Se pero il denunciante e' in*

[45] Op cit pagna 55 u 56.
[46] Kuncetti imsemmija minn Carrara u li ghamel referenza ghalihom il-Professur Mamo fil-bran fuq kwotat
[47] Deciza 07.06.195

*dubbio, la sua responsabilita sussiste, a meno che egli non abbia esposto in modo chiaro e sicuro i motivi della sua perlessita.*[48]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat biex l-imputat ikun jista' jinstab hati ta' l-imputazzjoni in ezami huwa li meta huwa baghat l-ittra lill-President ta' Malta ghamel asserzjonijiet li kien jaf li mhumiex veritjeri; fit-termini ta' dak li jghallem il-Professur Mamo (fuq kwotat) dan irid jigi pruvat b'certezza. Jekk tirrizzulta din ic-certezza l-Qorti mbaghad trid tghaddi biex tara jekk dak li ghamel l-imputat ghamlu biex jaghmel hsara lill-persuni koncernati.

Illi jirrizulta li l-imputat kien qieghed detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv wara li ngieb Malta f'kuntest ta' separazzjoni kontenzjuza; waqt li kien detenut huwa kien qed ibaghti minn *mild to moderate depression*. Ra li l-kawza tieghu, originarjament pendenti quddiem il-Magistrat Dr Demicoli giet assenjata lill-Magistrat Dr Scerri Herrera. F'dan l-istess perjodu huwa kien qieghed ripetutament jitlob il-helsien mill-arrest pero t-talba tieghu ma gietx milqugha. Ra li kien hemm persuni ohra detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, imputati b'reati aktar serji minn tieghu li ghal xi raguni jew ohra inghataw il-helsien mill-arrest. L-imputat kien jaf li martu (bhal ma kien hu ukoll) kienet tghix ftit 'l boghod mid-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech u kienu almenu konoxxenti.

Illi f'dan l-istess perjodu l-imputat sar jaf b'certu fatti[49]: Sar jaf li li kien hemm element ta' hbiberija bejn il-Magistrat Dr Scerri Herrera u d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech; saf jaf li kien hemm okkazzjoni meta huma[50] (u persuni ohra maghhom) kienu qed jieklu flimkien f'restaurant; sar jaf li kien hemm numru ta' libelli pendenti quddiem il-Magistrat Scerri Herrera li gew assenjati lil Magistrat iehor. L-imputat ma jghidx kif sar jaf dawn il-fatti: jekk mhux di prima persona mill-media jew ghax qallu xi hadd[51]. L-imputat sar jaf ukoll li l-Avukat Dr Leonard Caruana, il-konsulent tal-mara tieghu, kien ghamel zmien jahdem f'l-ufficju ta'l-Avukat Generali. Din id-darba l-imputat jispecifika li Dr Bianco mhux biss infurmah b'dan il-

[48] Manuale Di Diritto Penale Parte Speciale II pagna 471.

[49] Ma rrizultax mill-atti kif sar jaf b'dawn il-fatti.

[50] Cioe il-Magstart Scerri Herrera u Dr Frendo Dimech

[51] F'dan ir-rigward jassumi certa relevanza kumment li ghaddiet id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech waqt li kienet qed tixhed in kontro ezami dwar il-fatt li f'l-ittra l-imputat semma' l-episodju meta kienet qeghda f'restaurant mal-Magistrat Scerri Herrera; hija qalet li dak il-fatt kien inghata publicita meta l-imputat kien imsiefer u kompliet hekk: *who put him up to it? ... Who put him up to it biex juza dak l-incident?* (Ref fol 272).

fatt imma anke allega li Dr Caruana *ghad ghandu l-hbieb hemm* u ghalhekk ser ikun aktar difficli biex l-imputat jottjeni l-liberta provizorja[52].

Illi huwa relevanti ukoll li f'dan il-perjodu l-imputat beda jaqra l-Kodici Kriminali u ssoferma fuq certi dispozizzjonijiet, partikolarment dawk li jirrigwardaw l-ghoti tal-helsien mill-arrest, il-preskrizzjoni u anke kif jigu trattati eccezzjonijiet preliminari. Naturalment s-semplici qari ta' dawn id-dispozizzjonijet ma jaghmlekx espert in materja, anzi kif jghid l-Ingliz hafna drabi *a little knowledge is a dangerous thing* u facilment iwasslek ghal konkluzzjonijiet zbaljati. Kien propju hekk li gralu l-imputat: dwar il-fatt li l-EAW ma giex iffirmat mill-Magistrat Dr Peralta gurnata qabel il-*festin minghajr ma gew verifikati l-fatti relevanti;* dwar il-preskrizzjoni ta'l-akkuza dwar falsifikazzjoni u l-impatt li dan il-fatt (cioe kieku dik l-akkuza verament kienet preskritta) seta' jkollu fuq l-EAW mahrug fil-konfront tieghu; dwar jekk kienx hemm xi kwistjoni ta' natura preliminari li kienet tirrikjedi s-soprasessjoni fil-mertu sa kemm dik il-kwistjoni preliminari tigi deciza; dwar it-termini li fihom iridu jigu decizi rikorsi ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest; dwar il-fatt li l-arrest preventiv tieghu ma kienx wiehed illegali.

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li ssir referenza ukoll ghal dak li seta' qal Dr Bianco lill-imputat. L-imputat jghid li huwa qasam il-preokkupazzjonijiet tieghu ma' l-avukat, persuna li l-imputat iddeskriviha bhala l-unika *point of reference* tieghu waqt li kien qieghed detenut. L-imputat jghid li l-avukat mhux talli ma pruvax jiddiswadih minn dawn il-hsiebijiet u suspetti, imma talli kompla jsahhahom billi jghidlu hu stess affarijiet inkwietanti fuq l-funzjonarji koncernati. Dr Bianco jinnegah dan. Il-Qorti pero, anke wara li kellha l-opportunita tara u tisma liz-zewg persuni koncernati jixhdu quddiemha, ghandha dak li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tirreferi ghalih bhala *lurking doubt* dwar x'kien jinghad bejn l-imputat u l-avukat tieghu. La darba li fil-kamp penali r-regola hija *in dubbio pro reo* l-Qorti trid taghti lill-imputat il-beneficcju ta' dan id-dubbju.

Illi li hu zgur hu li kien hemm serje ta' cirkostanzi u kumbinazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti huma sufficjenti biex jinghad li kienet tezisti f'l-imputat dik il-*giusta credulita* li hemm referenza ghaliha fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Fil-verita anke l-ufficjal prosekutur iddikjara (in kontroezami) *li l-imputat*

[52] Dr Bianco m' ghamel l-ebda referenza ghal din l-allegazzjoni fid-depozizzjoni tieghu ghalhekk la nnega din l-asserzjoni pero lanqas ikkonfermaha.

*kellu dritt jaghmel il-mistoqsijiet tieghu li kienu mistoqsijiet legittimi, ghax forsi wiehed ma jkunx jaf is-sistemi tal-Qorti kif inhuma*[53] u li *l-imputat f'mohhu kien qed jibni hafna hsiebijiet ... u dawn l-istess hsiebijiet geghluh jahseb li hemm xi komplott kontrih*[54]. Fil-fatt il-Qorti, bhall-ufficjal prosekutur, hija konvinta li l-imputat kien konvint minn dan il-komplott kontra tieghu.

Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li l-ufficjal prosekutur qal ukoll li l-imputat, rinfaccjat b'dawn is-serje ta' fatti u kumbinazzonijiet li qajjmu dawk il-mistoqsijiet legittimi u wassluh biex jahseb li hemm komplott kontrih, ma kellux jabad u jikteb dik l-ittra imma messu ifittex rimedji legali. U huwa propju dak li ghamel l-imputat ghaliex dik l-ittra ma kenitx ittra kwalunkwe minghuta lill-President ta' Malta imma kienet ittra miktuba ai termini ta'l-artikolu 574(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li biha huwa prevalixxa ruhhu minn fakolta lilu mghotija skond il-Ligi biex jitlob il-helsien mill-arrest.

Illi l-ittra tikkontjeni fatti li fil-bicca l-kbira taghhom huma korretti, ghalkemm hemm fatti li humiex korretti ukoll (kif fuq spjegat). Aktar minn hekk kien hemm diversi istanzi f'l-ittra fejn l-imputat iddistingwa bejn il-fatti kif maghrufa lilu u dawk li kienu suspetti tieghu, hekk kif indika x'kien li kien qed iwasslu ghal dawn is-suspetti. Fil-fatt qari ta'l-ittra juri li l-imputat (fit-termini ta' l-Antolisei fuq kwotat) espona certa fatti kif gew maghrufa lilu u kif dawn kienu qed iwassluh ghal suspetti u certu konkluzzjonijiet.

Illi tenut kont tas-suespost u b'mod partikolari l-fehma tal-Qorti li l-imputat verament kien jemmen li (fit-termini ta'l-ufficjal prosekutur) kien hemm komplott kontra tieghu u li dan il-hsieb seta' gie rinfurzat minn dak li kien qed jghidlu l-avukat tieghu, il-Qorti hija tal-konsegwenti fehma li l-element tax-xjenza ma giex pruvat.

Illi la draba dan l-element ma giex pruvat ikun ezercizzju purament akkedemiku li l-Qorti tghaddi biex tara jekk l-intenzjoni ta'l-imputat kenitx dik li jirreka hsara lill-funzjonarji koncernati ghaliex minghajr l-element tax-xjenza ir-reat abbediatat lill-imputat ma jistax jissussisti.

---

[53] Ref fol 246/247
[54] Ref fol 255.

## It-tieni imputazzjoni

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-**kalunja indiretta** jew reali. Skond dan il-provvediment ikun hati tar-reat:

> *Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat.....*

Illi dwar il-kalunja indiretta u d-differenza bejn dan ir-reat u dak ta' kalunja diretta l-Professur Mamo jghallem li:

> *Whereas the false accusation ... made orally or in writing by any information, report or commplaint cionnstitutes the caluminious accusation, properly so called verbal or direct, this other form, consisting in falsely fabricating factual evidence os an offence against an innocent person, consists the caluminious accusation known as real or indirect: "La calunnia reale consiste nel simulare a caricp di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materialo di u reato... tale sarebbe il-porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero il-porre sulla persona o nell' abitazione altrui un pugnale insanguinante, opurre una cosa furtiva" (Mano op cit para 1102)*
>
> *The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot*

> *be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[55]

Illi l-istess l-Antolisei

> *Le modalita dell'incolpazione possono concretare la cosidetta caunnia diretta o formale e la calunnia indiretta o materiale (detta anche reale). Si ha la prima quando l'attribuzione dell'illecito penale si attua mediante denuncia .... .... ....; la seconda quando l'incolpazione si pone in essere simulando a carico di taluno le tracce di un reato.* [56] *.... .... .... tracce costituite da tutti i fatti o circostanze che servono a designare un determinato individuo come certo o probabbile autore o compartecipe di un fatto criminoso. I modi piu comuni concui si commette questa forma di calunia sono la simulazione di violenza sulle persone o sulle cose, oppure il collocaamento di oggetti indizianti presso il caalunniato...*[57]

Illi dawn il-principji gew affermati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs David Mizzi[58]; dik il-Qorti qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami:

> *Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq,* ***materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm***[59] *bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom  wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti,* ***izda hu mehtieg li jinholqu***

[55] Op cit pagna 58.
[56] Op cit pagna 467.
[57] Pagna 469.
[58] Deciza 16.02.1998.
[59] Sottolinear ta' din il-Qorti.

***tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna***[60].

Illi kif diga ntqal fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet kollha fuq l-ittra li l-imputat baghat lill-President ta' Malta; ma tressqet l-ebda prova li huwa holoq xi tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn jintuzaw bhala prova kontra l-Magistrat Dr Scerri Herrera, id-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech u l-Ispettur Stivala. Konsegwentement ir-reat ta' kalunja indiretta kif ravvizat fil-Ligi ma giex pruvat u ghalhekk it-tieni imputazzjoni zgurr li ma tistax tirrizulta.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni ikun hati ta' reat kull minn, *sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz.*

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Anton Vassallo[61] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li rriaffermat li r-reat deskritt f'l-artikolu 188 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika, kwotat estensivament mis-sentenza mghotija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Galea deciza[62] minn dik l-istess Qort kif diversament presjeduta:

> *Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew*

[60] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[61] Deciza 04.06.2008.
[62] Fil-17.10.1997.

*meta l-awtur apparenti ma jkunx lawtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero.*

*Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594).*

Illi bhal kull reat iehor, dak in ezami ukoll jirrikjedi l-element intenzjonali. Fil-fatt il-Ligi tirrikjedi li l-agent ikun **xjentement** ghamel dikjarazzjoni falza. Kif qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta:

*Il-kelma 'xjentement' .... tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:"il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto", filwaqt li: "dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*[63]

Illi dwar l-element intenzjonali rikjest f'reati ta' falsifikazzjoni, inkluz dak ravvizat f'l-artikolu 188, u anke, b'mod generali, dwar x'prova hija rikjesta biex tigi pruvata l-intenzjoni ta' persuna addebietata b'reati li jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta, il-Qorti ta'l-Appell ghamlet studju approfondit fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Kevin Sammut[64]. Dik il-Qorti qalet hekk:

*ghalkemm din l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inklux mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu, ma jistax pero` jinghad li ghax xi hadd messu ragjonevolment kif jaf xi haga allura necessarjament isegwi li dak li jkun kien jaf dik ix-xihaga. Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien*

[63] Ref Il-Pulzija vs Raimondo Farugia deciza 20.09.2015.
[64] Deciza 23.06.2009.

*bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew ... ... kieku kien bonus pater familias. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et. F'dik is-sentenza nghad hekk:*

*"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland 2:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."*

*"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

*""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have*

*foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.*

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."*

Illi wara li ghamlet din l-espozizzjoni l-Qorti ta'l-Appell Kriminali ikkonkludiet li, ngliegenti kemm kien negligenti l-imputat f'dak il-kaz *il-kwistjoni tibqa' dejjem, ghall-anqas ghall-finijiet tar-reati ipotizzati f'l-ewwel tlett imputazzjonijiet, jekk l-appellant kienx konsapevoli li d-dokument kien falz u, ghall-finijiet tat-tielet imputazzjoni,* cioe dik li kienet tirreferi

ghall-istess r-reat addebietat lill-imputat odjern u li hija issa in ezami, *kienx konsapevoli li meta sottometta dak id-dokument lill-Awtorita` Marittima ta' Malta huwa kien allura qed jaghmel dikjarazzjoni falza. It-traskuragni jew negligenza (culpa), anke dik grassa, ma tistax tigi awtomatikament parifikata ma' l-intenzjoni diretta jew lintenzjoni pozittiva indiretta (it-tnejn ammontanti ghal dolus), kif donnha ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata.*

Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi interposta issa hija jekk fil-kaz odjern l-imputat kienx konsapevoli li meta baghat l-ittra lill-President ta' Malta huwa kien qed jaghmel dikjarazzjoni falza, minhabba li l-ittra kienet tikkontjeni xi fatti li ma kienux konformi mal-verita.

Illi fil-fehma tal-Qorti, u ghar-ragunijiet elaborati fil-konsiderazzjoni dwar l-element intenzjonali rikjest f'l-ewwel imputazzjoni, ir-risposta hija le. Kif diga ntqal l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien konvint minn dak li kiteb u ghalih li dak li qal f'l-ittra kienet il-verita, u li fejn kellu biss suspett huwa indika li dak li kellu kien suspett.

Illi la darba ma giex pruvat l-element intenzjonali kif imfisser fil-gurisprudenza u dottrina fuq kwotati, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din it-tielet imputazzjoni.

## **<u>Ir-raba imputazzjoni</u>**

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat tavvizat f'l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe l-ingurja. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni persuna tikkommetti reat jekk *bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew xi mod ieħor*.

Illi dwar ir-reat kontemplat f'l-artikolu 252, anke meta l-imputazzjoni tkun bazata fuq fatti denunzjati lill-xi awtorita meta l-agent ikun jahseb li persuna ohra tkun ghamlet reat a dannu tieghu, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Gauci[65] deciz fit-3 ta' Settembru 2001, qalet hekk:

---

[65] Deciza 03.09.2001

*"... ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-animus injuriandi. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu animus corrigendi, jew animus consulendi, jew animus jocandi ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad animus jocandi jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)).* ***L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja[66].*** *Kif gie mfisser mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et (Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru 1948): "... hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja.* ***Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' l-applikabilita` ta' dan il-principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli****. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi hadd prezenti, b'daqshekk il-privilegg ma jintilifx necessarjament,* ***basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuni ohra 'avvicinati bla bzonn[67]*** *".[68]*

Illi fil-kaz in ezami, u kif diga ntqal, l-imputat kien konvint li huwa kien qed isoffri ingustizzja u f'l-ittra mibghuta lill-President ta' Malta, ittra intieza

[66] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[67] Dan is-sottolinear huwa tal-Qorti ta' l-Appell.
[68] Illi dan il-bran gie kwotat b'approvazzjoni minn dik l-istess Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Carmel Camilleri deciza 06.04.2005.

bhala talba biex il-President ta' Malta tezercita s-setgha lilha mghotija permezz ta'l-artikolu 574(2) tal-Kapitolu 9 u takkordalu l-helsien mill-arrest, huwa semma' r-ragunijiet li wassluh biex jaghmel din it-talba. Il-funzjonarji imsemmija f'l-ittra gustament hassewhom ingurjati b'dak li nkiteb u b'dak li gie insinwat fir-rigward taghhom. Pero kif diga ntqal ukoll il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien realment jemmen dak li kiteb ghaliex hekk gie indott minn serje ta' cirkostanzi u fatturi sfortunati, inkluz dak li seta' qallu l-avukat tieghu.

Illi ghal kull buon fini ghandu jerga jigi rilevat li ma kenitx l-intenzjoni ta'l-imputat li l-ittra li kiteb tinghata publicita. Fil-fatt kien l-avukat tieghu li informa lill-Magistrat Dr Scerri Herrera dwar l-ezistenza ta' din l-ittra u kienet l-imsemmija Magistrat li mbaghad talbet lill-imputat biex jipprezenta kopja ta' din l-ittra f'l-atti tal-kawza u kienet l-istess Magistrat li baghtet kopja ta'l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ir-raba imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

## <u>Il-hames imputazzjoni u s-sitt imputazzjonijiet</u>

Illi permezz tal-hames u sitt imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ravvizati f'l-artikoli 93 u 95 rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe oltragg fil-konfront tal-Magistrat Scerri Herrera u d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech f'l-ewwel kaz, u oltragg fil-konfront ta'l-istess Magistrat Scerri Herrera u d-Deputat Avukat Generali Dr Frendo Dimech u ta'l-Ispettur Renee Stivala fit-tieni kaz.

Illi jibda biex jinghad li kemm l-elementi materjali kif ukoll dak formali essenzjali biex jissussistu dawn iz-zewg reati huma l-istess; dak li jvarja huwa il-persuna kontra minn ikun sar l-oltragg. Fil-fatt il-Professur Mamo jgid hekk dwar l-artikolu 95:

> *This provision does not call for any special notice in addition to what we have already said in connection with the offence dealt with in section 92[69]. The material and moral elements are the same.*

[69] Illum l-artikolu 93.

*What is different is the person upon whom the outrage is committed. The victim in this offence can be any person lawfully charged with a public duty other than a Judge, the Attorney General, a Magistrate of juror*[70].

Illi mill-istess artikolu 93 huwa car li biex jissussisti r-reat hemm ravvizat iriedu jikkonkorru s-segwenti elementi:

- ingurja jew theddied;
- maghmula lil Imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew Maġistrat, jew ġurat;
- waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu.

Illi pero huwa ormai stabbilit li jehtieg ukoll li l-oltragg ikun sar fil-prezenza ta'l-Imhallef, Avukat Generali, Magistrat jew gurat. Il-Professur Mamo kellu dan x'jinghad dwar dan il-punt:

*The question was long debated whether it is of the essence of this crime that the insult or threat should be uttered or made in the presence of the Judge, Magistrate of other judicial functionary.In the Italian Code of 1889 the matter was place beyond by making such presence an essential element of the crime, by express words in the definition which the law itself gave (art 194). Indeed according to Maino even before the enactment of that Code the Courts held that "le ingurie o minaccie dirette a un funzionario assente, o fattegli pervenire per lettera, non assumono carattere di oltraggio." In the French and Neapolitan Code no express mention was made. Nor is any mention made in our Code.*

*Roberti commenting on the Neapolitan Code was of the view that "niente importa ... che il funzionario sia o non sia presente all'oltraggio, che senta o no senta le parole inguiriose, che vegga o no i gesti oltragganti". .... .... Chaveau et Helie, although conceding that the presence of the functionary is not invariably an essential element of the crime, require that the insult or threat (the outrage) be directly addressed to the victim so that it is necessary that the defendant shall have either addressed the words to his face or, if he Hs made use of a third party, that he shall have the intention that*

[70] Op cit pagna 46.

*the insult or threat shall reach the functionary and shall have done this in such circumstances as make it sure that the threat or insult shall in fact reach the functionary in the act of the execution of his duties, that the functionary shall have heard or noticed the threat or insult. .... ....*

*Our Courts have followed the latter doctrine. In re The Police vs George Ellul (Criminal Appeal 30th September 1944) Harding J quoting Cheveau et Helie held that for the application of section 92*[71] *the presence of the judge or other juducal functionary is necessary so that the insult shall have been hurled to his face, and that he shall have heard the words or noticed the fact constituting the outrage. The same principle wasalso affirmed in re The Police vs Arciocovich (Criminal Appeal 17th November 1909) and in re Police vs Leone (Criminal Appeal 23rd May 1910) .... .... .... In other words where the threat or insult is committed in the absence of the functionary it is dealt with as a threat or insult against any other private individual, but of course the character of the person offended may be taken into consideration in assessing an adequate punishment.*[72]

Illi dan il-principju baqa jigi affermat mill-Qrati taghna anke f'sentenzi aktar ricenti. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fit-22 ta' Gunju 2004 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Carmelo Bugeja il-Qorti ikkonkludiet li meta jinghad kliem ta' theddied li ma jinghadx fil-prezenza ta' gudikant ma' jkun applikabbli l-artikolu 93 imma l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.

Illi dwar l-artikolu 95, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija l-kawza Il-Pulizija vs Alfred Zammit[73], wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza in tema elenkat il-hames elementi kostitutivi tar-reat in ezami: Dik il-Qorti qalet li l-kliem ingurjuz irid ikun sar:

*a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku;*
*b) Officio durante vel contemplatione officii;*
*c) De visu;*
*d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u*

[71] Illum l-artikolu 93.
[72] Op cit pagna 44 et seq
[73] Deciza 27.04.2017.

*e) Animo iniuriandi.*

Illi b'mod specifiku dwar it-tielet element u cioe r-rekwiziet li l-kliem ingurjuz ikun intqal fil-prezenza ta'l-ufficjal pubbliku li lejh ikunu indirizzati il-Qrati kelhom diversi opportunitajiet biex jikkummentaw.

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar[74] il-Qorti qalet li:

> *biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ngurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pproferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dik ta' ingurja komuni.*

Illi dan l-istess principju gie konfermat f'diversi sentenzi ohra tul iz-zmien. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Frank Attard[75] intqal li:

> *Ir-reat ta' oltragg hu forma ta' ingurja ta' gravita specjali minhabba dak ir-rispett li ragjonevolment kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku. L-elementi ta' dan ir-reat huma li l-att leziv isir de visu ta'l-ufficjal pubbliku u li l-kliem jinghad officio durante;*

Illi l-istess fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Amante Camilleri[76]

> *Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjla pubbliku u li jkunu nghadu offico durante vel contemplatione officii. Rekwiezit iehor huwa li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza ta'l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni.*

Illi dan stabbilit huwa car li r-reati issa in ezami qatt ma jistghu jirrizultaw ghaliex, indipendentement minn kull kunsiderazzjoni li tista' ssir dwar l-element formali rikjest biex jissussistu dawn ir-reati, huwa nieqes element

[74] Qorti ta'l-Appell Kriminali mghotija 12 ta' Dicembru 1936
[75] Appell Kriminal deciz 29 ta' Marzu 1958.
[76] Appell Kriminali deciza 17 ta' Ottubru 1997.

materjali importanti ghaliex l-kliem ingurjuzi ma gewx pproferiti fil-presenza tal-ufficjali in kwistjoni, ossia de visu, imma permezz ta' itttra mibghuta lill-President ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' kopja tad-depozizzjoni ta' l-imputat, ta' Omissis u ta' Dr Noel Bianco jintbaghatu lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal kull azzjoni li jidhirlha opportuna; ir-Registratur ghandu qabel ma jibghat il-kopji jissenjala fid-depozizzjoni ta' l-imputat u ta' Omissis kull referenza ghal Dr Bianco.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**